**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 9**

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier (wasal għas-seduta 17.42) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**09.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**09.01.01** Xejn

**09.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 8)**

**09.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-minuti ta' seduta **08** ġew approvati unanimament.

**09.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**09.03.01** *Dawl għall-Attivita` Holm, Tiżwiq u Tila:* Is-Sindku John Schembri semma li nġabu 3 kwotazzjoni sabiex nipprovdu dawl għal din l-attivita`. Is-Sindku John Schembri spjega li dan id-dawl, wara li tgħaddi din l-attivta`, id-dawl jibqa' proprjeta` tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-kwotazzjonijiet lill-Kunsilliera preżenti. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu u approvaw il-kwotazzjoni li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali.

**09.03.02** *Xiri ta' Grass Cutter:* Is-Sindku John Schembri spjega li wieħed mill-ħaddiema talab li jinxtara grass cutter sabiex jitħaffef ix-xogħol. Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali ġabar 3 kwotazzjonijiet għal dan il-grass cutter. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-kwotazzjonijiet lill-Kunsilliera preżenti. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu u approvaw il-kwotazzjoni li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali.

**09.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**09.04.01** Xejn

**09.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**09.05.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sabiex tiġi fformolata ittra u tintbagħat mill-Kunsill, lill-Għaqdiet Volontarji f'Ħal Luqa sabiex bħala Kunsill naraw min hu interessat biex ngħaqqdu sotto kumitat taż-Żgħażagħ.

**09.05.02** Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab lis-Sindku John Schembri sabiex jiżdiedu t-tabelli tal-qtates madwar il-lokalita` u li jkun hemm żieda ta' qsari quddiem il-każini madwar Hal Luqa.

**09.05.03** Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal lis-Sindku John Schembri li fi Triq il-Karmnu, Sqaq Nru. 4 hemm ħofra u qed jidħol l-ilma fid-djar tan-nies. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo qal li se jmur fuq il-post u jara x'jista' jsir biex ma jibqax jidħol ilma fid-djar tan-nies.

**09.05.04** Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab lis-Sindku John Schembri dwar bankina li għandha ssir fi Blokka B fi Triq in-Noqor. Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsillier Matthew Spiteri li jekk il-proprjeta` hija mikrija taqa' taħt ir-responsabbilta` tal-Housing, jekk il-post huwa mixtri, taqa' responsabbilta` ta' sid il-post.

**09.05.05** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna semma' li bħala Kunsill Lokali għandna noqogħdu attenti x'niktbu fuq il-Facebook. Il-Kunsilliera Jeffrey Scicluna u Matthew Spiteri għamlu referenza għal dak li kiteb il-Kunsillier Frederick Aquilina, li huwa m'attendix għall-attivita` minħabba li ma qabilx mad-deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sindku John Schembri, il-Viċi Sindku Keith Bartolo, il-Kunsilliera Matthew Spiteri, Anton Gatt, Jeffrey Scicluna kollha qablu li l-Kunsillier Frederick Aquilina għandu jagħmel apoloġija pubblika jew inneħħi l-post minn fuq Facebook. Is-Sindku John Schembri spjega li kellu jressaq din l-attivita` minħabba l-maltemp u sabiex ma jintilfux il-fondi u li kienet l-aħħar ġurnata li fiha seta' jagħmel din l-attivita`. Is-Sindku John Schembri ddeċieda li jittieħed vot mill-Kunsilliera preżenti dwar li l-Kunsillier Frederick Aquilina għandu jitlob apoloġija. B'ħames voti favur u tnejn kontra, il-Kunsillier Frederick Aqulina jrid jitlob apoloġija pubblika.

**09.05.06** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri dwar ix-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq G. Trigance biex il-wajers tal-faċċata jsiru taħt l-art. Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri jekk jistgħux isiru xi culverta u jgħaddi kollox minn hemm. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Frederick Aquilina se jara x'jista' jsir għaliex it-triq mhix ġdida allura hemm possibbilta` li ma ssirx.

**09.05.07** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri dwar Triq Indri Micallef għaliex ukoll qed ikun hemm problema tal-ilma, u li l-culverta isolvu ħafna mill-problemi. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Frederick Aquilina se jara x'jista' jsir biex din it-triq ma tibqax problema.

**09.05.08** Il-Kunsillier Andrew Cassar saqsa lis-Sindku John Schembri x'inhi l-possibbilta` li ssir sound protection ħabba l-ħsejjes li ġejjin minn Triq Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku John Schembri qal li se jinforma lill-Infrastructure Malta x'jista' jsir minħabba l-istorbju.

**09.05.09** Il-Kunsillier Andrew Cassar informa lis-Sindku John Schembri li d-dawl taż-zebra crossings madwar il-lokal ma jixgħelux. Is-Sindku John Schembri wieġbu li se jkun qed ikellem lill-Infrastucture Malta biex huma jkellmu lill-kuntrattur inkarigat biex dan id-dawl jitranġa.

**09.05.10** Il-Kunsillier Andrew Cassar saqsa lis-Sindku John Schembri meta se ssir Triq Gużeppi Micallef. Is-Sindku John Schembri infurmah li meta jkun il-mument din it-triq issir. Is-Sindku John Schembri qal li bħalissa hemm lista ta' toroq oħra xi jsiru u li huma prijorita`.

**09.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**09.06.01** Xejn

**09.07 Korrispondenza**

**09.07.01** Il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar, tinforma lill-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa jekk hux interessat jifforma parti mit-Tender ta' Street Lightening. Il-Kunsilliera preżenti qabli bi qbil unanimu li jiffurmaw parti minn dan it-Tender.

**09.07.02** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva korrispondenza mill-kumpanija Velderins li fiha l-Kunsill kien avżat li se jkun hemm żieda fil-ġbir tal-iskart. Il-Kunsilliera preżenti kienu infurmati b'din iż-żieda mis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell.

**09.08 Quarterly Report (Jannar – Settembru 2024)**

**09.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lis-Sindku John Schembri u lill-Kunsilliera preżenti li dan se jkun ippreżentat f'seduta oħra.

**09.09 Aġġornament dwar l-Attivita` tal-Milied u proġetti fil-ġejjieni**

**09.09.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li l-attivita` tal-Milied tħassret minħabba raġunijiet ta' maltemp. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li għal darb'oħra l-kuntratt għandu jinqara sew qabel biex nevitaw kumplikazzjonijiet oħra. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li għas-sena d-dieħla ikollna baned madwar ir-raħal kif ukoll tiżjin. Is-Sindku John Schembri qal li mil-lum 'l hemm mhu se ssir l-ebda attivita` kbira fil-Milied.

**09.10 Skema tal-Karnival**

**09.10.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali se japplika għall-iskema tal-Karnival. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna fisser li jekk tintlaqa' l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill Lokali se jkun qed jibbenefika minn €10,000. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna fisser li din l-attivita` kieku ssir, il-Ħadd 2 ta' Marzu. Il-Kunsilliera preżenti, bi qbil unanimu qablu li l-Kunsill Lokali għandu japplika għal din l-iskema.

**09.11 Aġġornament – Tender tal-Madonna tal-Ftajjar**

**09.11.01** Is-Sindku John Schembri spjega li dan it-tender se jkun qiegħed jinħareġ fil-jiem li ġejjin sabiex jibdew jintlaqgħu l-offerti.

**09.12 Performance Bonus Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati**

**09.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ħarġet mis-seduta sabiex il-kunsilliera jiddiskutu u kif ukoll jitkellmu b'mod liberu dwar il-performance bonus appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati. Wara ftit minuti daħlet lura fil-kamra u s-seduta tkompliet.

**09.12.02** Is-Sindku John Schembri informa lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell li l-kunsilliera preżenti kollha qablu li:

- is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell tingħata l-massimu ta' 10%

- l-impjegati kollha tal-uffiċċju jingħataw il-massimu ta' 6%

**09.12.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, f'isem il-ħaddiema kollha, irringrazzjat lis-Sindku u l-kunsilliera kollha li dejjem jappreżżaw ix-xogħol li jagħmlu l-ħaddiema.

## 09.13 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

**09.13.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 09.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**09.14.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.34 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Frar, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tnejn, 17 ta' Frar 2025.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |